# Surmastrijiet li kellha l-Banda L'Isle Adam

F'din is-sensiela tas-"Surmastrijiet li kellha l-Banda L'Isle Adam", diġà tkellimna fuq disa' minn erbatax li d-deriġew lill din il-Banda.

Dan dejjm qed nikkwotaw mill-1860 il-hawn, jiġifieri minn meta din il-Banda kienet uffiċjalment skond il-liġijiet ta' dak iż-żmien. Għax tajna provi iżjed minn darba, li il-Banda L'Isle Adm kienet diġà stabbilita fl-1800 (ara l-ktieb tal-festa 1990 paġna 30).

Mill-ktieb *Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nazzjonali* paġni 49–50 ser nikkwotaw lis-Sur Rob. Mifsud Bonnici dwar is-Surmast INDRÌ BORG.



BORG, Mro. INDRÌ (1818–1903), bin Salvu u Antonia Bonello, twieled il-Belt Valletta, iżżewweġ lil M. Ant. Ebejer, ta' sentejn tilef id-dawl ta' għajnejh imma wisq aktar tħaġġeġ dak ta' moħħu biżżejjed ngħidu li wasal biex tgħallem u għallem il-mużika billi kien iżomm f'moħħu n-noti u l-ħoss partikulari ta' kull nota u kif tinkiteb fuq jew taħt il-ħamesrigi u għadu żagħżugħ għaqqad banda ċkejkna speċjali tiegħu li baqgħet tissemma sal-lum: *Il-Banda ta' Indrì.* Skond Castagna fl-1860 waqqaf l-ewwel żewġ baned kompititi ta' xi sittax-il bandist il-waħda: *il-banda ta' Ħaż-Żebbuġ* u l-*Banda tar-Rabat;* iżda nstab li l-Banda San Filep ta' l-istess Raħal ila li twaqfet sa mill-1850. Kien idoqq l-istrumenti tal-banda kollha għad li bl-udit iżda f'moħħu kien ikun qiegħed jara n-noti bil-valur u jisma' f'widnejh il-ħoss tagħhom. Id-dehen tal-għaġeb li kellu wasslu biex ivvinta metodu speċjali addattat għalih u bih sata' wkoll jikteb il-mużika. L-inventzjoni kienet sempliċi: lavanja mdaqqsa b'ħames rigi dritti minn tarf sa tarf imħażżin b'mod li kien iħosshom b'subgħajh u bil-boċċi żgħar tax-xamgħa ta' daqsijiet differenti kien iħożż in-noti bil-valur tagħhom u ħadd ieħor, x'aktarx ibnu Ġużeppi, kien iħożżhom regolarment fuq il-karti tal-mużika, u hekk, skond l-istorjografu P. P. Castagna, li kien kontemporanju tiegħu wasal biex kiteb sitt marċi funebri, ħames innijiet, daqq ballabbli u ddetta trattat tal-mużika bil-Malti dwar l-armonija, il-partiment u l-kontrapont fi ktieb ta' 150 paġna miktub fl-1854 minn wieħed letterat. *Ktieb den ta' l-ewwel bibljoteka, għajb mhux stampat* kiteb il-bijografu tiegħu. Mastru Indrì kien isewwi l-orgnijiet fosthom dak tal-Kattidral u ta' San Pawl Nawfraġu li fih elf u sebgħa u tletin kanna. Dawn il-kanen inqalgħu minn posthom, inżammu f'maħżen u wara sentejn xogħol fihom u fil-mekkaniżmu raġa' qiegħedhom f'posthom kif għadhom sal-lum. Għal Mastru Indrì l-istorjografu Castagna jsaqsi: *Jekk mhux ta' min isemmi dan l-imgħallem Indri min hu l-artist li jmissu ikun imfakkar fl-istorja tagħna?* Xiħ, tkennen l-Imgieret u miet fil-15 ta' Marzu, 1903.

---

Surmastrijiet tal-Banda L'Isle Adam li diġà tajna tagħrif dwarhom kienu:

- Anton Muscat Azzopardi fil-ktieb li ħareġ fl-1979 f'paġni 20–22.
- Philip Gatt fil-ktieb li ħareġ fl-1979 f'paġni 20–22.
- Anton Muscat Azzopardi (tislima meta miet) fil-ktieb li ħareġ fl-1980 f'paġni 24–28.
- Generoso Muscat fil-ktieb li ħareġ fl-1982 f'pġ 33.
- Lorenza Gatt fil-ktieb li ħareġ fl-1986 f'paġni 29–31.
- Joe Galea fil-ktieb li ħareġ fl-1987 f'paġni 36–38.
- Manwel Bartoli fil-ktieb li ħareġ fl-1988 f'paġni 41–43.
- Ġużeppi Stivala fil-ktieb li ħareġ fl-1989 f'paġni 32–33.
- Carmelo Camilleri fil-ktieb li ħareġ fl-1990 f'pġ 35.
- Gaetano Grech fil-ktieb li ħareġ fl-1990 f'paġni 28–29.

COGNAC MONNET

SOLENNE FESTIVITÀ
DEI

## S.S. Apostoli Pietro e Paolo

**Alla Notabile**

28 e 29 GIUGNO 1927

## La Filarmonica "L'Isle Adam"

eseguirà in Piazza Sakkaia il seguenti

PROGRAMMI

**28, alle ore 9 p.m.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Marcia Sinfonica | **Croce Rossa** | Pirozzi |
| 2. | Sinfonia | **Orfeo all'Inferno** | Offenbach |
| 3. | Selection | **Lohengrin** | Wagner |
| 4. | Intermezzo | **Voto** | Giordano |
| 5. | Marcia | **Speranza e Fede** | Boli |

**29, alle ore 6.30 p.m.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Marcia Sinfonica | **Alba D'Amore** | Giumarra |
| 2. | Sinfonia | Solenne<br>**Les Braves Combattents** | Bartoli |
| 3. | Selection | **Wally** | Catalani |
| 4. | Coro | **Presso il Fiume Straniero** | Gounod |
| 5. | Selection | **Boheme** | Puccini |

INNO L'ISLE ADAM

GOD SAVE THE KING

S. MALLIA
Direttore

COGNAC MONNET

FAC_COGNAC

# Programma Musicale

Da eseguirsi dalla

## Filarmonica "L'Isle Adam"

nel Giardino Pubblico, Rabato-Notabile

**GIOVEDI, 3 GIUGNO 1923**

**alle ore 4-30 p.m.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Marcia Sinfonica | **Primavera Italica** | CARRARO |
| 2. | Sinfonia | **Reggente** | MERCADANTE |
| 3. | Selection | **Werther** | MASSENET |
| 4. | Scene Pittoresche | **Angelus** | MASSENET |
| 5. | Romanza | **Stelle e Fiori** | FERRADINI |

INNO L'ISLE-ADAM

GOD SAVE THE KING.

S. MALLIA
*Direttore.*

N. B. Una tombola di £8 sarà estratta dopo il No. 3.